Minuti tal-Laqgħa Nru. 3 tal-Ħames Kunsill Lokali Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 29 ta' Mejju 2007 fis-6.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Is-Sur John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Victor Caruana<br>Dr. Frank Psaila<br>Is-Sur Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura Lucia Massa |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju Eżek. | Is-Sur Michael Borg |
| **Skużat:** | Is-Sur Joseph Piscopo A.Mus.L.C.M. |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Riferenzi għall-Minuti
3. Korrispondenza
4. Mozzjonijiet
5. Ħlasijiet

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa Nru 2 li fuq talba ta' Frank Psaila f'para. 7.1.ii wara l-kliem '' . . . f'Ħal Luqa n-nies huma maqsumin . . . . '' żdied il-kliem '' . . . bħal f'lokalitajiet oħra.'' Wara din l-emenda l-Minuti ġew approvati fuq mozzjoni ta' Luċia Massa issekondata minn Frank Psaila.

## 2. REFERENZI GĦALL-MINUTI

2.1 Joe Camilleri rrefera għal para. 7.3.ii u staqsa kienx hemm xi progress dwar l-introduzzjoni ta' *''time zone limit''* għal Triq G. Vassallo u Triq Ħal Tarxien. Victor Caruana bħala l-Kunsillier responsabbli, wieġeb li se ssir laqgħa ma' l-ADT u wara uffiċjali ta' l-ADT għandhom imorru fuq il-post.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku ta resume' tal-korrispondenza kollha li daħlet sad-29 ta' Mejju 2007, fosthom :

a) ittra mill-Malta International Airport li tipproponi biex triq u misraħ f'Ħal Farruġ jiġu msemmija ''Triq il-Merkanti '' u ''Misraħ il-Merkanzija'' rispettivament. Il-Kunsill qabel mal-proposta u li dwar dan issir talba formali lill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq.

b) ittra mill-Onor. Edwin Vassallo dwar laqgħa msejħa għat-Tlieta, 22 ta' Mejju 2007 għall-Kunsillieri responsabbli mill-attivita' kummerċjali. Din il-korrispondenza kienet ġiet mgħoddija għall-attenzjoni ta' Frank Psaila, li min-naħa tiegħu nforma lill-Kunsill li ma setax jattendi għal dik il-laqgħa.

c) email minn Merlin Library li tikkonferma t-talba għax-xiri ta' kotba bħala parti mill-kampanja ''Il-Ktieb Teżor''.

d) ittra mill-AKL dwar il-proġett *LEADER* u li jikkoċerna lill-Kunsilli fuq bażi reġjonali. L-AKL talbet lil kull Kunsill biex sa l-4 ta' Ġunju 2007 jinforma lill-Assoċjazzjoni dwar jekk humiex interessati li jifformaw parti mill-Grupp ta' Azzjoni Lokali (LAG).

e) email mill-AKL dwar is-Seminar ''Flimkien'' All Together - Putting Children First - Childcare. Ġie deċiż li għal dan is-seminar tattendi l-Kunsilliera Luċia Massa.

f) email mill-AKL dwar laqgħa tal-Kunsillieri ma' l-Arċisqof għal nhar il-Ħamis, 21 ta' Ġunju fil-Kattidral ta' l-Imdina.

g) ittra/fattura minn TCTC dwar pagament ta' Lm499.00 għal course ta' ECDL. Il-Kunsill qabel li ma jħallasx dan l-ammont meta lanqas biss għadu jaf fejn se jsiru l-courses u meta lanqas jaf kemm studenti se jieħdu sehem. Il-Kunsill qabel li r-reġistrazzjoni ssir sal-20 ta' Ġunju. Dwar il-leaflet fil-familji l-Kunsill irid li jkunu jirreferu espliċitament li dawn il-courses huma ssussidjati mill-Kunsill Lokali.

## 4. MOZZJONIJIET

4.1 Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera Luċia Massa u ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri tgħid: **li l-Kunsill japprova li, bħalma sar fis-snin imgħoddija, anke din is-sena tiġi organizzata l-ħarġa għal Kemmuna għal Persuni bi Bżonnijiet Speċjali u l-ħarġa għal Għawdex.**

4.1.i Il-Kunsill unanimament qabel mal-mozzjoni u ġie deċiż li l-ħarġa għal Kemmuna ssir f'data li għad trid tiġi deċiża u dik għal Għawdex issir nhar il-Ħamis, 19 ta' Lulju 2007.

4.2 Mozzjoni oħra mressqa mis-Sindku John Schembri u ssekondata mill-Viċi Sindku Joseph Scicluna tgħid: **li l-Kunsill japprova li ssir talba formali lid-Dipartiment ta' l-Art sabiex issir id-devoluzzjoni tal-pjazzetta li hemm fi Triq id-Dokkiena bl-iskop li hemmhekk jinbnew l-uffiċċji amministrattivi tal-Kunsill Lokali Luqa.**

4.2.i Meta tkellem fuq il-mozzjoni s-Sindku qal li din il-mozzjoni qegħda ssir skond il-wegħda elettorali tal-maġġoranza Laburista biex il-Kunsill ikollu uffiċini xierqa u aċċessibbli minn kulħadd. Żied igħid li s-sena l-oħra l-Kunsill applika mal-MEPA biex jagħmel refurbishment totali ta' l-uffiċċini preżenti. Il-MEPA ċaħdet it-talba tal-Kunsill bir-raġuni ewlenija kienet għax il-premises mhux aċċessibbli għal persuni b'diżabilita' u għall-anzjani. U perss li ilha tinħass il-ħtieġa li ma nistgħux nibqgħu niffunzjonaw f'sitwazzjoni xejn sabiħa tal-premises, qegħda ssir din il-mozzjoni biex, jekk tingħata d-devoluzzjoni ta' l-art, Ħal Luqa wkoll ikollha bini xieraq għall-Kunsill Lokali.

4.2.ii Wara diskussjoni fuq il-mozzjoni, din ġiet approvata unanimament.

4.3 Mozzjoni oħra tressqet mill-Kunsilliera Luċia Massa u ssekondata mill-Viċi Sindku Joseph Scicluna tgħid: **li l-Kunsill japprova l-ftehim propost bejn il-Kunsill u ż-żewġ Baned Lokali biex jagħtu s-servizzi tagħhom f'Jum Ħal Luqa u f'Kunċert annwali b'mod li l-baned jalternaw kull sena. Għal dawn is-servizzi qegħda tiġi proposta allokazzjoni ta' Lm600 kull sena.**

4.3.i Meta l-mozzjoni tressqet għall-voti, din ġiet unanimament approvata.

LUQA

## 5. ĦLASIJIET

5.1 Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kollha li daħlu sad-29 ta' Mejju 2007 u li lista tagħhom ġiet ippreżentata mis-Segretarju Eżekuttiv.

5.2 L-approvazzjoni tal-ħlasijiet saret b'erba' (4) voti favur u żewġ astensjonijiet (Victor Caruana u Frank Psaila). Is-Sur Caruana qal li kien qed jastjeni minħabba l-pagament li kien qed isir lil Polidano Brothers Ltd li għamel xogħol ta' tarmac ħażin fi Triq il-Karmnu u talli Triq Sir Ugo Mifsud baqgħet ma tranġatx minkejja li l-kuntrattur aċċetta li sar xogħol ħażin.

- Peress li ma kienx hemm items oħra x'jiġu diskussi, fis-7.25 p.m. is-Sindku ddikjara l-laqgħa magħluqa.

Konfermati llum 26 ta' Ġunju 2007.

John Schembri
Sindku

Michael Borg
Segretarju Eżekuttiv